**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Rabat,  Città Victoria**

**ID-DISA' LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru KLR 10/IX/2025**

**Il-Ġimgħa, 28 ta' Marzu, 2025 fid-09:00**

**Fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali**

**Preżenti:**
Is-Sur Brian Azzopardi – Sindku
Is-Sinjura Mariella Abela – Kunsillier
Is-Sur Josef Schembri – Kunsillier
Is-Sur Joseph Debrincat – Kunsillier
Is-Sur Michel Buttigieg – Kunsillier
Is-Sur Marcell Tabone – Kunsillier

**Skużat:**
Is-Sur George Cassar – Viċi Sindku

**Uffiċjal Preżenti:**
Is-Sinjura Miriam Attard – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Brian Azzopardi ppresjeda l-laqgħa.

**10.1 Talba**

Il-laqgħa bdiet fid-09:00. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

**10.2 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

10.2.1 Inqrat l-ittra t'apoloġija tal-membru skużat.

**10.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

10.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 9 ġew iċċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

10.3.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjoni li seta' kien hemm mill-minuti.

10.3.3 Ma kienx hemm korrezzjonijiet u l-minuti ġew approvati.

**10.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

Is-Sindku għarraf lill-membri li:-

10.4.1 ġiet sottommessa l-applikazzjoni SPI/SCI/02/2025 – Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2025/2026 maħruġa mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali. Din saret bl-għajnuna tat-Teatru tal-Oratorju Don Bosco;

10.4.2 minn naħa ta' Eko-Għawdex ser jagħmlu *refurbishment* tal-latrini ta' Pjazza Indipendenza.

10.4.3 Rigward is-sejħa għall-Assistent Uffiċjal Prinċipali fuq skala 11, tressaq ir-rapport tal-Bord tal-Għażla. L-intervisti saru fis-26 ta' Frar, 2025. Attendew ħames applikanti u tlieta minnhom ma provdewx il-kwalifiċi meħtieġa. It-tnejn l-oħra kienu kwalifikati u l-iktar persuna li ġabet punti hija Isabel Ann Grech. Il-membri qablu li din għandha timla dan il-post vakanti wara li jiġu nfurmati d-Diviżjoni għall-Gvern Lokali u l-JobsPlus.

10.4.4 Rigward l-iskema tal-Impjieg Inklussiv fil-Komunita' s-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jitlob sabiex l-impjegata tal-Kunsill li tibbenefika minn din l-iskema u li qegħda fuq bażi *part-time*, tibda taħdem fuq bażi *full-time*. Din l-iskema li kienet inħarġet fl-2012 tkopri s-salarju kollu ta' dawn l-impjegati. Il-membri qablu li għandu jinbeda l-proċess mad-Diviżjoni għal Gvern Lokali.

10.4.5 Is-Sindku qal li hi ġlieda kontinwa sabiex il-pożizzjoni tas-Sindku u tal-membri tal-Kunsill fis-soċjeta' tkun dik li hi mistħoqqa. Tenna li jixtieq juri l-apprezzament tiegħu u jirringrazzja b'mod pubbliku liż-żewġ soċjetajiet tal-baned Rabtin u l-Fondazzjoni Belt Victoria tal-mużew il-Ħaġar, fejn f'dawn l-aħħar attivitajiet li kellhom, taw l-importanza neċessarja lill-Kunsill Lokali tar-Rabat.

**10.5 Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti**

Tressqet korrispondenza mingħand:-

10.5.1 id-Diviżjoni għal Gvern Lokali fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li Triq Ġdida fi Triq Wied is-Seqer issemmiet Trejqet Fra Baskal Farrugia – Qaddej t'Alla, 1869-1937. Dan permezz t'avviż fuq il-Gazzetta tal-Gvern li deher nhar it-3 ta' Jannar, 2025. Il-Kunsill ordna l-isem taċ-ċeramika sabiex jitpoġġa fil-bidu tat-triq malli jkun lest;

10.5.2 is-Segretarjat tal-Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq għal Għawdex, fejn il-Kunsill ġie nfurmat, anke' permezz ta' pjanti, b'toroq, daħliet u sqaqien li m'għandhomx isem. Fir-rigward ta' sqaqien, il-Kunsill jaqbel li dawn jibqgħu jkunu numerati minflok jingħata isem għall-kull sqaq. Raġuni prinċipali hi minħabba l-esiġenzi tal-ambulanzi meta jkun hemm il-bżonn;

10.5.3 Joseph Attard fejn ressaq talba sabiex tissemma Triq Anton F. Attard, 1943-2018. Mal-korrispondenza ġiet indikata t-triq li għandha tissemma. Din hi parti mit-triq il-ġdida li qed tinbena bħalissa mill-Gvern Ċentrali li minn Triq Ġorġ Pisani twassal għal Triq il-Kapuċċini. Il-membri qablu u ser tintbagħat l-applikazzjoni u d-dokumenti rikjesti ma' l-applikazzjoni lill-Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq għal Għawdex;

10.5.4 L-Awtorità' tal-Ippjanar rigward Avviż biex Tieqaf u ta' Twettiq, riferenza EC/00038/25 lil sid il-ħanut Bistro 234 fi Pjazza San Ġorġ.

10.5.5 iben resident fi Pjazza San Ġorġ li ressaq il-punti tiegħu rigward il-*masterplan* li ġie propost għal Pjazza San Ġorġ minn naħa tal-Awtorita' tal-Ippjanar. Qal li r-residenti qatt ma ġew ikkonsultati;

10.5.6 sid ta' ħanut fi Pjazza Indipendenza fejn ressaq ilment li qed jintefa ilma maħmuġ minn diversi sidien tal-ħwienet tal-akwati fil-*culverts* tal-ilqugħ tal-ilma tax-xita. Dan bil-konsegwenza li jkun hemm riħa tinten u saħansitra ġrieden. Il-membri qablu li jinħareġ avviż bi twissija u jitqassam fil-ħwienet ta' Pjazza Indipendenza, Triq San Ġużepp, Pjazza San Ġorġ u Triq Sir M'Anġelo Refalo.

**10.6 Immaniġjar tat-Traffiku**

Transport Malta (TM) ħarġet permess għall:-

10.6.1 *traffic management plan* fi Triq Santa Martha;

10.6.2 *one metre double yellow lines* mal-garaxx ta' 36, Triq Viani;

10.6.3 *traffic mirror* faċċata ta' Beef n' Barrel fi Triq Kerċem.

10.6.4 Tressqet korrispondenza mingħand persuna anzjana li tgħix taċ-Ċawla u li għandha propjeta' fi Triq Vajrinġa. Qed jissuġġerixxi li Triq Enriko Mizzi tkun miftuħa għat-traffiku għar-residenti ta' Triq Vajrinġa wkoll. Dan is-suġġeriment tressaq kemm 'il darba mill-Kunsill quddiem TM. Il-Kunsill diġa' ta l-veduti tiegħu fuq din is-sitwazzjoni, pero' sta għal TM li tieħu d-deċiżjonijiet fuq it-traffiku.

10.6.5 Rigward Triq Vajrinġa, is-Supretendent tal-Pulizija staqsa lill-Kunsill jekk jaqbilx li jsiru sinjali sofor li jindikaw li ma tistax tipparkja fil-partijiet li hi dejqa. Dan peress li ma hemmx sinjali li juru li ma tistax tipparkja. Il-membri jaqblu.

---

Il-membru Buttigieg ħareġ mill-laqgħa.

---

**10.7 *Playing Field – update***

10.7.1 Is-Sindku qal li l-*Bills of Quantities (BOQs)* għadhom qed jinħadmu mill-Perit Scerri u l-Inġinier Cordina fir-rigward ta'elettriku u dwal.

10.7.2 Sadanittant is-*safety flooring* ta' taħt l-*equipment* tal-*playing field* li m'għadux tajjeb, inbidel u ntuża minn dak li kien hemm fil-garaxx tal-Kunsill.

10.7.3 Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jipprova *play area* minn tal-*playing field* fejn minflok *safety flooring* ikun hemm ramel apposta kif issib ħafna fi *playing fields* barra minn Malta.

**10.8 Proġett Pjazza Santu Wistin – *update***

10.8.1 Is-Sindku qal li l-*Bills of Quantities (BOQs)* għadhom qed jinħadmu mill-Perit Scerri u l-Inġinier Cordina fir-rigward ta'elettriku u dwal.

10.8.2 Qal ukoll li għandu l-kelma tal-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar fir-rigward tal-iffinanzjar ta' dan il-proġett minn naħa tal-Ministeru.

**10.9 Offerti**

10.9.1 Ġie iffirmat il-kuntratt tal-provvediment u nstallazzjoni tal-*bollards* fi Pjazza Indipendenza. Dawn għandhom jaslu x-xahar id-dieħel.

10.9.2 L-offerti għas-servizz tat-tindif tat-toroq għalqu u qed jiġu aġġudikati.

10.9.3 L-offerta għas-servizz tat-tindif tal-latrini pubbliċi ħarġet u tagħlaq il-Ġimgħa, 25 t'April, 2025.

10.9.4 Rigward l-offerti tas-CCTVs, il-membri qablu li l-offerta tingħata lill-Alarmtech. Dan wara li tressaq ir-rapport tal-bord t'aġġudikazzjoni li jindika li din hi l-aħjar offerta. Il-membri qablu li l-prijoritajiet ta' fejn għandhom jitpoġġew il-kameras għandhom ikunu hekk:- Triq Palma, il-*Bus Terminus* u Triq Repubblika kantuniera ma Triq Ninu Cremona. Din id-deċiżjoni ttieħdet wara li nħareġ rapport minn naħa tal-Pulizija fuq il-postijiet fir-Rabat li l-aktar li għandhom ikunu sorveljati. Hawnhekk ġie diskuss ukoll jekk hemmx il-bżonn li jiżdiedu aktar kameras fil-*housing estate* taċ-Ċawla. Il-membri qablu li m'hemmx għalfejn jiżdiedu peress li l-ilmenti naqsu. Raġuni oħra hi s-sidien tal-propjetà' ma fejn iridu jeħlu dawn il-kameras qed joġġezzjonaw u m'aċċettawx li jgħaddu *cables* mal-*flat* tagħhom.

**10.10 Jum il-Belt Victoria**

10.10.1 Tressqet l-istima tal-kunċert li ser jiġi organizzat nhar l-10 ta'Ġunju, 2025, Jum il-Belt Victoria. Il-membri qablu li l-Kunsill jimxi fuqha.

10.10.2 Is-Sindku qal li jixtieq li jinbidel il-format ta' kif tingħata l-Onorifiċenza, Ġieħ il-Belt Victoria. Qal li hawn diversi nies li fil-qasam tagħhom jeċċellaw pero' ma jkunux ta' livell tal-Onorifiċenza. Għalhekk issuġġerixxa li minbarra Ġieħ il-Belt Victoria, jibda' jingħata wkoll rikonoxximent f' oqsma differenti, fosthom l-isports, il-volontarjat, drama, qalb tajba, mużika u inprenditorija. Fil-qasam tal-volontarjat issuġġerixxa li din is-sena dan ir-rikonoxximent jingħata lil George Spiteri li kellu nċident ikrah fis-sala tat-Teatru Astra u li b'xorti tajba setgħa kellu konsegwenzi ferm agħar. Is-Sindku tenna li konvint li hemm bosta li jaħdmu fil-volontarjat daqs Spiteri u anke' ħafna iktar, imma b'dan ir-rikonoxximent il-Kunsill ikun qed japprezza lill-voluntiera Rabtin kollha. Il-membri qablu. Żied li l-Kunsill għandu jesplora wkoll u jara liema persuni jixirqilhom li jingħatalhom dan ir-rikonoxximenti fl-oqsma l-oħra.

10.10.3 Il-membri qablu li l-Onorifiċenza, Ġieħ il-Belt Victoria, din is-sena tingħata lil Joe Camilleri, għalliem eżemplari, bniedem ta' integrita', kittieb u poeta u lill-Fr Effie Masini li dejjem stinka u ħadem qalb iż-żgħażagħ Rabtin. Il-membri qablu.

10.10.4 Kien hemm qbil unanimu wkoll li l-quddiem, l-Onorifiċneza tingħata wkoll lil Dun Fabio Attard, Salesjan Rabti li għadu kif laħaq Rettur Maġġur tas-Salesjani ta' Don Bosco.

10.10.5 Rigward l-irħama kommemorattiva li ser tinkixef mill-Kavallier Vincenzo Bonello, is-Sindku qal li l-kliem li ser ikun hemm fuqha ġie maqbul u qed isir ix-xogħol fuq l-irħama, kollox għas-spejjeż ta' Mizzi Foundation.

**10.11 *Litter bins* ġodda**

10.11.1 Is-Sindku qal li hemm bżonn li jsiru *inner bins* ġodda taż-żingu peress li dawk li hemm fil-*litter bins* eżistenti spiċċaw. Il-membri qalu li tinġab stima tagħhom.

10.11.2 Il-*litter bins* il-ġodda waslu u l-membri qablu li minnhom jitpoġġew fi Pjazza J. F. Kennedy, faċċata tal-Mediterranean Bank, biswit l-Aurora u fi Triq Repubblika kantuniera ma' Triq Palma. Il-*bins* li baqa, qedgħin fil-garaxx tal-Kunsill sakemm jinstabilhom post jew ikun hemm il-bżonn li jinbidlu l-antiki.

**10.12 Attivitajiet organizzati mill-Kunsill**

10.12.1 Is-Sindku qal li l-ħarġa għal Malta għall-Festa Frawli li ser issir il-Ħadd 27 t'April 2025, qed timtela ġmielha u hemm bżonn li jsiru żewġ *buses* biex nakkomodaw aktar residenti. Il-membri qablu.

10.2.2 Għall-attivita' tat-tfal li ser issir fi Pjazza Indipendenza, nhar il-Ħamis l-1 ta' Mejju, 2025, inġabu tlett kwotazzjonijiet mingħand kumpaniji li joffru s-servizz ta' *bouncing castles*, eċċ. Il-membri qablu li tintgħażel ta' Marquita Debrincat bil-prezz ta' €1,800, li hi l-orħos kwotazzjni. F'din l-attivita ser tipparteċipa l-iskola tas-Soriijiet, Santa Tereża li ser ikollhom *stands* bl-ikel, tisjir u attivitajiet immirati għat-tfal. Ser jipparteċipaw ukoll in-*nurseries* tal-futbol tar-Rabat fejn ser jgħatu tagħrif fuq in-*nurseries* tagħhom.

10.2.3 Rigward il-ħarġa għall-anzjani f'Għawdex li saret fis-17 ta' Marzu, 2025, is-Sindku qal li kien hemm attendenza numeruża mill-anzjani Rabtin u xtaq jirringrazzja lill-membru Tabone li għen fl-organizzazzjoni tal-attivita'.

10.2.4 Il-wirja tal-*Old Motor Cars* li kellha ssir fi Pjazza J. F. Kennedy nhar il-Ħadd, 30 ta' Marzu, 2025, tħassret minħabba l-maltemp.

**10.13 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti**

10.13.1 Ġew approvati l-kontijiet għax-xahar ta' Marzu u April 2025, skont dokumenti A u B annessi.

**10.14 Xogħolijiet oħra**

Il-membri qablu li:-

10.14.1 jieħdu ħsieb il-loġistika tal-Festivals Gaulitana u l-Victoria International Arts Festival li jsiru f'April/Mejju u Ġunju/Lulju rispettivament. M'għandhiex tinqabeż is-somma ta' €1,200 għal kull festival;

10.14.2 l-Kunsill japplika għall-fondi mill-iskema tal-Milied maħruġa mid-Diviżjoni għall-Gvern lokali. Dan bl-għajnuna ta' Mro. Mark Gauci u Richard Grech;

10.14.3 l-bozza li hemm quddiem Batu Pharmacy fi Triq Palma tinbidel għal waħda ikbar jew jiżdidielha l-vultaġġ biex tkun turi iktar;

10.14.4 jinxtraw kopji tal-ktieb li nħareġ fuq Mons. Ġużeppi Farrugia, tal-Vers. Ma tinqabiżx is-somma ta' €300;

10.14.5 l-Kunsill jgħin fil-loġistika tal-organizzazzjoni tal-George Vella Muskat Memorial *football tournament* li se jsir bejn l-10 u l-11 ta' Mejju, 2025. M'għandiex tinqabeż s-somma ta'€300.

10.14.6 Tressaq ilment li d-*dog litter bin* li sar fi Triq il-Kapuċċini kantuniera ma Triq Patri Manuel Magri qed idejjaq residenti peress li jkun jidher mit-tieqa tagħhom. Billi dan mhux qiegħed quddiem djar residenzjali, l-membri qablu li ma jitneħħiex.

**10.15 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-11:30 u kien hemm qbil unanimu bejn il-membri li d-data tal-laqgħa li jmiss tiġi miftehma aktar 'il quddiem.

Konfermati, illum, il-5 ta' Mejju, 2025.

Brian Azzopardi
Sindku

Miriam Attard
Segretarju Eżekuttiv